# INKOMPLU NIMXU 'L QUDDIEM GĦAL PRODOTTI AGRIKOLI TA' KWALITÀ



**L-importanza ta' prodott agrikolu ta' kwalità ma tistax tiġi enfassizata biżżejjed, partikolarment f'suq żgħir bħal dak ta' Malta, fejn l-operaturi tagħna qatt ma jistgħu jikkompetu bil-kwantità imma bi prodott tajjeb li l-konsumatur ikun irid**

Il-fatt li l-industrija tagħna qed tagħmel dan għandu jiġi rikonoxxut, kif fil-fatt qed isir, b'kampanji bħal 'Naturalment Malti' u d-diversi fieri li regolarment naraw f'irħula differenti.

Matul is-snin ħarġu numru ta' skemi u ċertifkazzjoni biex jgħinu lill-bdiewa, bejjiegħa u konsumaturi jimmarkaw u jgħarrfu aħjar il-kwalità tal-prodotti li jkunu qed jipproċessaw. Hemm diversi skemi mħaddma fuq livell Ewropew: dawk li jiċċertifikaw prattiċi organiċi, oħrajn li jindikaw il-post ġeografiku minn fejn oriġina l-prodott, waqt li skema oħra tindika speċjalità tradizzjonali li tafferma l-awtentiċità ta' dak li jkun qed jinxtara. Jeżistu oħrajn li huma speċifiċi, imma dawn l-imsemmija huma l-iktar importanti.

Barra mill-iskemi ta' ċertifikazzjoni hemm inizjattivi oħra li huma marbuta mal-ħarsien tal-kwalità. Fost dawn insibu b'mod partikolari l-użu sostenibbli tal-pestiċidi. Imma hemm oħrajn, forsi inqas diretti, bħal per eżempju l-ħtieġa li l-qasam jadatta għal bidla fil-klima, livelli għolja ta' protezzjoni ambjentali u użu ta' fondi biex l-operaturi jkomplu jtejbu l-prattiċi tagħhom.

Matul l-aħħar sena, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet *Green Paper* dwar politika li tkompli ttejjeb il-kwalità. L-għan hu li tiżdied il-komunikazzjoni bejn dawk kollha involuti, mill-bdiewa sal-konsumaturi, dwar dak li jgħaqqadhom, jiġifieri il-prodott agrikolu. Wara dan il-proċess ta' konsultazzjoni fuq livell Ewropew, li għalih ħadu sehem mal-560 parti interessata, issa qed naraw dokument iktar żviluppat bi strateġija biex is-settur ikompli jiżviluppa. Jiġbor ukoll il-fierxa wiesgħa ta' kummenti li ntbagħtu u jislet il-punti ewlenin li nġabbru minn dak l-eżerċizzju.

L-iskemi u s-simboli użati jridu verament jiġu mifhuma minn dawk li jagħmlu użu minnhom. L-istess jista' jingħad għas-sistemi preżenti, din id-darba b'tali mod li jkunu inqas ikkumplikati. S'issa għad m'hemmx proposti konkreti għal-liġijiet f'dan il-qasam. Imma diġà jista' jibda jkollna ħjiel ta' x'inhu mistenni li jiġi propost matul l-2010. Iżda dan ma jfissirx li mhux se nkomplu naraw iktar inizjattivi fis-settur agrikolu. Fis-snin li ġejjin għandu jkun hemm it-tiġdid tal-Politika Agrikola Komuni tal-Unjoni Ewropea, b'enfasi ġdida, li tqarreb iktar lejn il-ħtiġijiet preżenti.

Fuq nota relatata, għal min għandu inklinazzjoni artistika, bħalissa għaddejja kompetizzjoni għad-disinn ta' *logo* ġdid li għandu jibda jintuża madwar l-Unjoni Ewropea kollha biex jimmarka li prodott huwa organiku. Il-kompetizzjoni tagħlaq fil-25 ta' Ġunju u iktar dettalji jinsabu fuq: www.ec.europa.eu/organic-logo ●

**Malta-EU Steering & Action Committee**

indirizz: 280 Triq ir-Repubblika, Valletta tel: 2590 9101 email: info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt